MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 14/2009

**Carmen Fenech**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta’ Settembru, 2009 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Dipartiment tat-22 ta' Ottubru 2008 li permezz taghha cahad it-talba ta' Fenech ghall-Pensjoni tal-Eta' (AP) u l-appell minnha presentat u li dahal fid-19 ta' Novembru 2008.
>
> Waqt is-seduta l-appellanti u d-difensur taghha in effetti kkonfermaw il-kontenut tal-imsemmi appell

u c-cirkostanzi jidhru verosimili; l-appellanti fil-kuntratt tas-separazzjoni minn ma' zewgha tat-13 ta' Mejju 2004 qablet li bhala manteniment hija tircevi biss is-somma ta' hames liri maltin kull xahar, liema ammont ma jistax jinbidel fl-ebda cirkostanza; hija zammet id-dar matrimonjali u kellha thallas hamest elef lira in ekwiparazzjoni - elf thallsu mal-kuntratt u l-bilanc kellu jithallas b'rati ta' elf lira kull sena. Il-valur ta' din id-dar gie dikjarat Lm30,000. In segwitu l-appellanti ddecidiet li twaqqa' din id-dar u minflokha tibni zewg appartamenti u garage; hija stqarret li fuq dan il-bini ghad fadlilha thallas ammont konsiderevoli, izda il-kuntrattur accetta li ma jithallasx ghax-xoghol qabel ma tbiegh it-tieni sular. Barra minn dan, kien fadlilha l-arja ta' dan il-bini u hija tat b'donazzjoni lil binha li jghix maghha din l-arja biex huwa jibni post iehor. Skond il-kuntratt, din l-arja giet dikjarata li tiswa s-somma ta' Lm25,000. Anki waqt is-smiegh hija stqarret li kien binha li ghena wara s-separazzjoni izda dwar dan ma jidher xejn fil-kuntratt ta' donazzjoni relativ.

Illi wara li fela d-dokumenti esebiti u sema' s-sottomissjonijiet kollha u kkonsidra c-cirkostanzi rizultanti, l-Arbitru hu tal-fehma li d-decizjoni tad-Dipartiment kienet gustifikata u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi michud."

Minn din is-sentenza appellat ir-rikorrenti Carmen Fenech bl-aggravju illi d-disponibilita` minnha ta' l-arja tal-fond proprjeta` taghha lil binha ma kienetx tifforma parti mill-kriterji ta' skwalifikazzoni ghall-ghoti ta' Pensjoni ta' l-Eta` u, f'kull kaz, ma kellhiex tiddizintitolaha minn dak id-dritt taghha ghal dik il-Pensjoni;

Il-fatti rilevanti ta' dan il-kaz huma dawn:-

(1) L-appellanti hi mara separata skond kuntratt tat-13 ta' Mejju, 2004 in atti Nutar Dottor Peter Fleri-Soler.

Fit-termini ta' dan l-istess kuntratt d-dar matrimonjali giet assenjata lill-appellanti. Jidher li din giet demolita` u flokha gew eretti zewg appartamenti u *garage*. Ghal dan l-izvilupp l-appellanti ghad baqalha thallas lill-kuntrattur ammont apprezzevoli;

(2) B'kuntratt tal-11 ta' Dicembru, 2006, atti Nutar Marco Burlo` l-appellanti ddonat l-arja, stmata ghal fini tal-kuntratt Lm25000, lil binha maggorenni Stefan Fenech;

(3) Fl-10 ta' Lulju, 2008 l-appellanti applikat ghall-Pensjoni ta' l-Eta`;

Id-Direttur appellat ma laqax din l-applikazzjoni. Il-motiv minnu sottomess bl-ittra tat-22 ta' Ottubru, 2008 kien bazat fuq il-konsiderazzjoni illi hu ma hassux sodisfatt li d-dhul fil-gimgha ta' l-appellanti u tal-familja taghha ma jeccedix l-iskala stabbilita mill-Att dwar is-Sigurta` Socjali. Ta' rilevanza li jkun notat illi fir-risposta tieghu introdotta fit-23 ta' Lulju, 2009 ghall-appell devolut mill-appellanti lill-Arbitru, id-Direttur irrettifika dik il-motivazzjoni originarja tieghu u dan billi ikkonnetta l-insodisfaciment tieghu mar-raguni "li ma ddisponietx mir-rizorsi kapitali tieghek biex tikkwalifika ghall-Pensjoni ta' l-Eta` u/jew li l-valur tar-rizorsi kapitali ma jeccedix il-limitu ta' €14,000". Dan wara li l-istess Direttur ippremetta li l-appellanti kienet iddisponiet mill-arja tal-fond b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli;

Hi ligi illi biex l-appellanti setghet tikkwalifika ghall-Pensjoni ta' l-Eta` hi riedet turi bhala fatt illi ssodisfat pjenament il-kondizzjonijiet dettati mill-Kapitolu 318, ex-Artikolu 66 tieghu, ossija li lahqet l-eta` tal-pensjoni u li l-mezzi taghha fil-gimgha skond Taqsima IV tat-Tieni Skeda ma jkunux izjed mill-oghla rata tal-Pensjoni ta' l-Eta`. Rilevanti li jkun registrat illi skond it-Taqsima IV ta' dik l-iskeda fil-kalkolu tal-mezzi jitqies ukoll il-valur ta' kull proprjeta`, ad eccezzjoni tad-dar ta' residenza, kull dhul jew privilegg iehor. Ghall-fini ta' l-intitolar l-importanti hu li

dawn ir-rizorsi flimkien konsiderati ma jeccedux il-massimali ta’ €14,000 fil-kaz ta’ persuna wahedha;

Kif jigri dejjem f’kazijiet ta’ din ix-xorta u f’dawk l-ohra kkontemplati mil-ligi ghall-konsegwiment, jew l-issoktar, ta’ ghoti ta’ xi beneficcju, il-perkors segwit huwa kif gej:-

i. Fl-ewwel lok jikkompeti lid-Direttur li fid-diskrezzjoni tieghu jwiezen l-elementi probatorji ghall-fini li jistabilixxi jekk it-talba ghall-assistenza prevedenzjali hijiex gustifikata jew le skond il-ligi;

ii. Dak il-gudizzju diskrezzjonali ma huwiex assolut in kwantu, dejjem skond l-istess ligi, u fuq appell sottopost lilu, l-Arbitru jista’ jissostitwixxi dak l-istess gudizzju bid-diskrezzjoni proprju in bazi ghall-principju ta’ dik il-“gustizzja u ekwita” li jippreciza l-Artikolu 108(9) ta’ l-Att;

iii. Sta mbaghad ghal din il-Qorti illi fuq appell devolut lilha minn xi parti sokkombenti illi tinvestiga u tissindika l-gudizzju diskrezzjonali sew ta’ l-Arbitru u tad-Direttur qablu biex tassikura jekk dan giex adoperat *rite et recte*, kif hekk skond il-ligi ghandu jkun;

Premess dan, fil-kaz in ispecje, eliminata l-ewwel motivazzjoni decizjonali fornita minnu, id-Direttur appellat ippretenda illi fil-kalkolu tal-mezzi ta’ l-appellanti kellha tiddahhal l-arja tal-fond rikostruwit. Dan ghal motiv gdid illi hu ma kienx sodisfatt illi l-appellanti skond it-termini tal-ligi (partita 3 tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda) ma kienetx direttament jew indirettament cahdet lilha nnifisha minnha biex takkwista l-jedd ghall-Pensjoni ghal liema applikat. Aspett dan li dwaru din il-Qorti ssoffermat diversi drabi ohra f’sentenzi precedenti taghha. Ara a propozitu fost ohrajn “**Julian Schembri -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**”, 10 ta’ Mejju, 2006 u “**Mary Borg -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**”, 23 ta’ Frar, 2005. In partikolari, bhala osservazzjoni generali ghandu jinghad in tema illi din il-Qorti kienet statwiet illi “mhux konsentit lil hadd illi

taht skuza jew ohra jqieghed ruhu f'sitwazzjoni, anke kieku stess mhux sempliciment simulata, ta' minorata solvibilita apparenti biex minn fuq jippretendi b'jedd l-ezercizzju tad-drittijiet favur tieghu bis-semplici invokazzjoni tal-ligi li turi x'inhi l-istrada li kellha tiggwida lil min kellu jipprestalu l-beneficcju. Din certament mhix imgieba ta' *bonus pater familias* li hu kellu maggorment ihares u josserva gjaladarba f'dawn id-dati kazijiet hemm involut l-interess tal-komunita` in generali u ta' dawk kollha fis-socjeta` li jgorru fuq spallejhom il-pizijiet tat-taxxi u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali" (**"Anthony Chetcuti *et* -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 19 ta' Mejju, 2004);

Tqum hawnhekk id-domanda jekk fil-kaz taht konsiderazzjoni, ic-cirkostanzi fattwali li kienu jezistu fil-mument li l-appellanti applikat ghal Pensjoni ta' l-Eta` kienux tali li minnhom kellu jkun interpretat illi l-appellanti nqdiet minn skuza jew pretest meta ddonat l-arja lil binha biex tkun tista' 'l quddiem tikkwalifika ghal dik il-pensjoni;

Is-sentenza appellata certament ma toffri l-ebda konfort fir-rigward ghaliex hi nieqsa minn motivazzjoni ragonata, jekk mhux ukoll pjuttost kontradittorja in kwantu jekk ghall-Arbitru c-cirkostanzi sottomessi mill-appellanti kienu jidhru verosimili, ir-rizultat decizjonali tieghu kellu jkun dak ta' l-akkoljiment tal-gravam, u mhux bil-kontra. Verament kull kaz irid jigi analizzat fl-isfond tal-fattezzi partikolari tieghu, u din il-Qorti ma ssibx illi l-ispjegazzjoni fornita mill-appellanti l-ghala ghamlet dik id-donazzjoni lil binha, hi, kollox ma kollox, inverosimili jew mhux possibbli u accettabbli fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja. Ma huwa tabilhaqq xejn inawdit jew barra mill-ordinarju illi genitur jiddona immobbli lil xi hadd minn uliedu li jkun assistih, sew materjalment, sew finanzjarjament, jew ghal xi raguni ohra ta' affett. Jew ukoll bhala raguni ta' wens ghall-istess donanti anke jekk fl-istess waqt tibqa' rispettata l-privatezza tad-donatarju. Naturalment, anke hawn, il-kawteli ta' min irid jiggudika ma jistghux jonqsu billi hemm kazijiet u kazijiet. Uhud genwini, ohrajn anqas genwini,

jew addirittura , inventati. Ta’ din l-ahhar speci kien il-kaz deciz minn din il-Qorti fit-13 ta’ Frar, 2009 fl-ismijiet “**Anthony Borg -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**” (Appell Nru. 12/08). Fil-kumpless tac-cirkostanzi maghrufa l-kaz prezenti ma jaqax f’din il-kategorija ta’ l-ahhar, anke ghaliex il-Qorti hi konvinta illi l-appellanti ma zvestithiex kapriccjozament ruhha mill-assi kapitali taghha biex tibbenefika mill-Pensjoni ta’ l-Eta`;

Jikkonsegwi b’konkluzjoni illi d-decizjoni mehuda fuq dik il-bazi sija mid-Direttur, sija mill-Arbitru warajh, ma setghetx kienet gustifikata, f’liema kaz il-Qorti, in bazi ghall-konsiderazzjonijiet maghmula, jkollha tiddissenti minnhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa’ l-appell, thassar id-decizjoni appellata ta’ l-Arbitru u, invece, tiddikjara illi l-appellanti hi intitolata ghall-Pensjoni ta’ l-Eta` ghal liema applikat fl-10 ta’ Lulju, 2008. L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------